MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1984/2002

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Celine Abela u l-istess Celine Abela**

**Vs**

**Saviour Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' disgha mija u disgha u erbghin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm949.82), danni mgarba li minnhom Lm150 thallsu mill-attrici Celine Abela bhala excess fuq polza ta' assikurazzjoni u l-kumplament ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta attrici bhala socjeta assikuratrici, wara incident stradali fil-post u data indikati bejn vettura CEL 189 propjeta ta' u misjuqa minn Celine Abela u vettura IVY 025 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:
1. Fit-30 ta' Lulju 2001 sehh incident fi Triq il-Marfa, Mellieha bejn il-vetturi Fiat Punto (numru CEL189) misjuqa mill-attrici Celine Abela u vann (numru IVY025) misjuq mill-konvenut.
2. Mill-provi rrizulta li l-vettura Fiat Punto qalghet daqqa fuq wara mill-vann misjuq mill-konvenut.

3. Irrizulta li z-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni. F'hin minnhom l-attrici tghid li xeghlet l-*indicator* biex iddur fuq il-lemin u tidhol f'parking li hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hija ddikjarat ukoll li:

(a) Kienet qeghda tfittex *parking*;

(b) Kienet taqbel ma l-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz;

(c) Fil-hin ta' l-incident il-vettura misjuqa minnha kienet qeghda timxi bil-mod biex taghti l-opportunita biex vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta jghaddu bla xkiel;

(d) Qabel ma sehh l-incident il-vann misjuqa mill-konvenut ma ratux;

(e) L-*indicator* xeghlitu ftit metri qabel ma sehh l-incident.

(f) Qabel ma xeghlet l-*indicator* harset lura izda ma ratx vetturi gejjin minn warajha.

Fir-rapport li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz il-verzjoni moghtija mill-attrici dakinhar ta' l-incident hija li: ***"jiena kont qed indur xeghlet l-indicator biex naghmel U-Turn ghall-parking in-naha tal-Costa del Sol u van numru IVY 025 baqa' diehel fiha fuq wara"***.

4. Il-konvenut ta verzjoni kemm xejn differenti minn dik moghtija mill-attrici fis-sens li:

(a) Iz-zewg vetturi kienu ghaddejjin minn fuq il-karreggjata ta' gewwa. Il-vann kienet qieghed jinstaq wara l-vettura ta' l-attrici.

(b) Cirka erbghin metru (40) qabel ma sehh l-incident fil-vettura ta' quddiemu (igifieri l-Punto misjuqa mill-attrici) inxteghel l-indicator li teptep darbtejn biss.

(c) Il-habta grat meta l-Punto gibdet f'daqqa ghal fuq il-karreggjata ta' barra.

5. Mill-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, l-ispot of impact huwa ndikat bhala l-karreggjata ta' gewwa. Il-hgiega ta' wara tal-vettura Punto CEL 189 ma' l-impatt inkisret. L-*ispot of impact* jaghti ndikazzjoni cjara li l-habta grat fuq l-*inner lane* u mhux fuq l-*outer lane* meta l-attrici kienet taqsam biex tmur fuq in-naha l-ohra tat-triq.

6. Huwa minnu li l-manuvra li riedet taghmel l-attrici kien jigbed fuqha attenzjoni qawwija sabiex tizgura li l-manuvra li riedet taghmel setghet tibdiha, tezegwiha u ttemmha minghajr ma tkun ta' periklu jew xkiel ghall-vetturi ohra li dak il-hin kienu ghaddejjin fit-triq. Issir riferenza ghal xi gurisprudenza:

*"is-sinjali li tati persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal road users ohra"* (App Kriminali **Pul vs J. Busuttil** – 29 ta' Novembru 1958).

*"Hemm bzonn li s-sinjali jsiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom"* (App. Kriminali **Pul vs G. Sapiano** – Vol. XXIX.558).

*"Il-fatt li wiehed johrog l-indicator ma jaghtihx li jaghmel li jrid"* (**Pul vs J. Bartolo** - Vol. XXXVIII.868).

*"The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can, that they have been understood"* (Gibb. *Trial of Motor Car Accident Cases*).

*"meta sewwieq irid idur fuq il-lemin oltre li jaghmel is-sinjal irid ikun cert li dak is-sinjal jista' jiftiehem u jarawh is-sewwieqa li jkunu sejrin warajh"* (Prim'Awla tal-Qorti Civili, **Hugh P. Zammit noe vs Walter Gatt** deciza fil-15 ta' Novembru 1996).

7. Fir-rigward tal-vann, bhala l-vettura li kienet qeghda tinstaq wara dik ta' l-attrici, ix-xufier kellu l-obbligu li jzomm distanza mill-vettura ta' quddiemu. Kif tajjeb inghad mill-Qorti fis-sentenza **Dr. R. Zammit Pace noe vs T. Catania et** deciza fis-26 ta' Novembru 1987 (Vol. LXXI.iii.722): *"sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm 'proper lookout' imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. A parti minn speed, kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragjonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist… tali xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament"* [ara wkoll sentenza tal-Qorti ta'l-Appell fl-ismijiet **Pulizija vs V. Sammut** deciza fl-4 ta' Gunju 1960 – Vol. XLIII.243).

Dwar velocita, il-principju huwa li:

*"il-velocita tal-parti l-ohra mhix skuza ghad-driver li jonqos mill-osservanza tad-dmirijiet tieghu tas-sewqan"* (Vol. XXIX.557).

8. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-manuvra li ghamlet l-attrici kienet il-kawza prossima ta' l-incident, b'dan li l-konvenut jidher li kien ghaddej b'velocita li meta nqalghet emergenza ma kienx kapaci jikkontrolla l-vettura tieghu tant li wara li saret il-habta baqa' diehel bil-vann f'hajt li kien hemm fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut iddikjara li ghafas il-brejks u l-vann beda *"jrieghed"*. It-Tribunal

jemmen li kieku l-konvenut kien ghaddej bi speed ragonevoli kien jevita l-incident ghaliex kien ikun f'posizzjoni li jzomm tempestivament. Il-konvenut stess iddikjara li l-ewwel darba li ra l-*indicator* jixghel kien *circa* erbghin metru qabel ma sehh l-incident. Is-sistema ta' brejk ABS [il-konvenut xehed li din kienet il-*braking system* tal-vann] suppost kellha sservi biex il-konvenut jikkontrolla ahjar il-vettura tieghu meta jkollok sitwazzjoni maghrufa bhala *"hard braking"*. Ghalkemm din id-distanza m'hijiex daqstant kbira u vettura li tkun ghaddejja b'certu velocita tivvjagga dan it-tul f'tebqa ta' ghajn, il-konvenut f'dak il-punt kellu ndikazzjoni li l-vettura ta' quddiemu kienet ser taghmel manuvra biex taqla' l-barra. Min-naha l-ohra t-Tribunal ma jistax ma jqiesx li l-attrici *ex admissis* iddikjarat li hija xeghlet l-*indicator* ftit metri qabel ma sehh l-incident. Jigi osservat ukoll li kif jidhru l-*ispot of impact* u l-posizzjoni tal-vettura Punto CEL 189 fuq l-iskizz [dawn huma murija orizzontalment ghal xulxin], hija ndikazzjoni li l-attrici qatghet fil-qasir ghal fuq il-lemin taghha.

9. Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddecidi li l-konvenut ikkontribwixxa ghall-incident u qieghed jakkolla fuqu kwart tar-responsabbilta.

10. B'riferenza ghad-danni reklamati, dawn gew sodisfacentement ippruvati u ma saret l-ebda kontestazzjoni fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm237.45) in lineja ta' danni sofferti fl-incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Lulju 2001 fi Triq il-Marfa, Mellieha bl-imghax min-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez ghandhom ikunu ghak-karigu tal-partijiet skond il-proporzjon ta' responsabbilta akkollata fuq iz-zewg sewwieqa rispettivament.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**.

---------------------------------TMIEM---------------------------------